# 'American Muscle Cars' fil-Kumpless ta' Bay Street

● Il-karozzi tal-American Auto Club sejrin ikunu għall-wiri fil-Kumpless ta' Bay Street illum, is-Sibt, mill-4.00 p.m.'il quddiem.

Fil-kumpless se jkun hemm għall-wiri bosta karozzi, fosthom 15-il vettura magħrufin bħala 'American Muscle Cars' – firxa ta' Mustangs mis-snin 1967, 1969, 1971, 1972; Camaro tas-snin 1982, 1984, 1990, 2000; żewġ Corvettes; Shelby tal-1967; 'modified truck pickup' – Dodge Ram; 1969 Dodge Charger – u replica tal-karozza tas-serje televiżiva "Dukes of Hazzard".

Il-wirja se tinkludi wkoll l-aqwa 'engine bay' f'Malta Chevrolet Camaro tal-1984 li rebħet il-Modify it Festival f'Mejju fil-MFCC.

Dettalji jinkisbu mis-sit www.americanautoclub malta.com.



# Il-Gvern għandu bżonn iwieġeb għat-tħassib tal-Awditur Ġenerali

● Il-Partit Laburista jemmen u jisħaq li l-Gvern għandu jwieġeb minnufih għal 20 punt ta' tħassib serju li hemm fir-rapport tal-Awditur Ġenerali dwar l-Enerġija Alternattiva u l-effiċjenza fl-użu tal-enerġija f'pajjiżna. Speċjalment, qal id-Deputat Laburista Leo Brincat, meta fost dawn il-punti nsibu li:

– Il-politika tal-Gvern għadha biss f'forma ta' abbozzi u għadha ma ġietx formalment approvata minnu stess;

– Ma jinstabu ebda pjani dokumentati biex jindikaw kif, minn min u meta ċerti azzjonijiet kellhom jittieħdu biex dan il-qafas jsir operattiv;

– Id-dewmien li kien hemm fil-proċess tat-tħejjija tal-'policies' minħabba allegat nuqqas ta' riżorsi umani;

– Il-konklużjoni tal-Awditur Ġenerali nnifsu li l-użu tal-enerġija alternattiva f'pajjiżna għadu marġinali minkejja li ilna 5 snin fl-UE;

– In-nuqqas serju ta' monitoraġġ effettiv tal-pjan ta' sena ilu dwar effiċjenza fl-użu tal-enerġija;

– Il-fatt li pjani strateġiċi u operazzjonali għadhom qegħdin jiġu mħejjijin;

– Il-konklużjoni tal-Awditur Ġenerali li sakemm ma jiġix mgħaġġel l-implimentazzjoni ta' dawn il-'policies' u proġetti, se jkun diffiċli ħafna biex pajjiżna jilħaq il-miri tiegħu;

– In-nuqqas ta' 'policies' ċari u approvati jista' jxekkel il- potenzjal ta' investiment privat f'dan il-qasam;

– Li s'issa kien hemm sfruttar marġinali biss ta' oqsma importanti bħall-enerġija mix-xemx;

– Il-Gvern għad lanqas għandu tagħrif f'idejh dwar kemm hu nnifsu bħala Gvern jikkonsma enerġija;

– Għalkemm ċerti miżuri dwar effiċjenza fl-użu tal-enerġija qegħdin jiġu implimentati mhumiex jitkejjlu ma' miri tal-UE;

– Il-'green leaders' fid- dipartimenti tal-Gvern għad ma għandhomx miri speċifiċi dwar enerġija alternattiva u effiċjenza fl-użu tal-enerġija u li ħafna 'energy audits' f'għadd ta' ministeri għadhom lanqas biss ġew konklużi;

–Il-Gvern lanqas qiegħed jikkalkula kemm qegħdin jiġu ffrankati 'units' ta' enerġija mill-miżuri tiegħu dwar effiċjenza fl-użu tal-enerġija.

Leo Brincat qal li wieħed jittama li l-Gvern jagħti ir-reazzjoni tiegħu għal dawn il-konklużjonijiet b'mod ċar u kategoriku mingħajr tidwir mal-lewża.

# Tliet lezzjonijiet mir-referendum li sar fl-Irlanda

● Il-Ministru għall-Affarijiet Barranin Tonio Borg qal li permezz tar-referendum fl-Irlanda mhux biss tkellem il-poplu Irlandiż imma anke dak Ewropew.

Huwa sostna li meta l-Irlandiżi vvotaw "le" għat-Trattat ta' Lisbona huma kienu qegħdin jgħidu lill-Ewropa biex tisma' t-tħassib tagħhom. U l-Ewropa hekk għamlet.

Il-kelliem qal li hemm tliet lezzjonijiet x'nitgħallmu mill-aħħar referendum fl-Irlanda. L-ewwel li l-UE trid tikkomunika b'mod ċar mal-popli Ewropej ħalli lkoll jifhmu dak li l-Unjoni trid minnhom, it-tieni li l-UE trid taħdem mill-qrib mas-soċjetà ċivili ta' kull pajjiż jekk trid timxi 'l quddiem u tibni ġejjieni aħjar għal kull ċittadin Ewropew u t-tielet lezzjoni hija l-importanza tas-solidarjetà mal-popli Ewropej, f'dan il-każ dak Irlandiż, dwar it-tħassib u l-ilmenti rikorrenti tagħhom.

Waqt li faħħar it-Trattat ta' Lisbona billi qal li dan ipoġġi liċ-ċittadin fil-qalba tiegħu u fisser l-approvazzjoni tiegħu mill-poplu Irlandiż bħala "mument ta' ċelebrazzjoni", il-Ministru Borg sostna li għad baqa' ħafna x'isir u enfasizza li l-popli tar-Repubblika Ċeka u l-Polonja jridu jinstemgħu u mifhuma ħalli b'hekk huma wkoll japprovawh waqt li l-popli l-oħrajn iridu jaħdmu iktar biex l-UE tkompli miexja 'l quddiem.

# Laqgħa importanti għall-uffiċjali tal-każini tal-baned dwar "il-festi"

● L-Għaqda Każini tal-Banda qiegħda ssejjaħ laqgħa importanti għall-presidenti u s-segretarji tal-każini tal-banda fejn se jkun diskuss l-abbozz ta' regolamenti mfasslin mill-Kurja Arċiveskovili ta' Malta dwar l-andament tal-festi reliġjużi.

"Jekk xi ħadd ma jkunx jista' jattendi u jiddelega lil xi uffiċjal ieħor, għandu jagħti l-kunsens tiegħu bil-miktub inkella, għax f'każ ta' votazzjoni s-sostitut ma jitħalliex jivvota. Minn kull każin tivvota persuna waħda", qal is-Segretarju tal-Għaqdsa Każini tal-Banda, J.C. Azzopardi.

Il-laqgħa se ssir nhar il-Ġimgħa, 23 ta' Ottubru 2009, fis-6.30pm fil-Każin tal-Banda Trinità Qaddisa, il-Marsa.

Is-Sur Azzopardi qal li l-Eżekuttiv tal-Għaqda jistenna li kull min għandu proposti x'jagħmel għal dak propost għandu jressaqhom fl-istess laqgħa biex wara ssir tweġiba kollettiva għall-abbozz lill-Awtorità tal-Knisja Maltija.


Kunsill Lokali Balzan

**_Bye-Law_ dwar Riklami fuq għamara tat-toroq**

Il-Kunsill qed jagħti avviż skond artiklu 35(1) ta l-Att dwar Kunsill Lokali dwar diskussjoni li se ssir nhar il-**Erbgħa, 4 ta' Novembru 2009 fil-5.30p.m.**

Kopja tal-*Bye-law* tista tiġi eżaminata waqt il-ħin normali ta' l-uffiċċju mingħajr ħlas. Għal aktar tagħrif titgħu iċċemplu Balzan - 21442323



Lufthansa Technik Malta
Luqa Hangar
www.lht-malta.com

Lufthansa Technik Malta

OPPORTUNITÀ TA' XOGĦOL

Mechanics/Technicians fuq l-Ajruplani

Lufthansa Technik Malta qed tirċievi applikazzjonijiet ta' persuni li huma interessati jaħdmu fuq il-manutenzjoni tal-ajruplani. Ir- responsabbiltajiet ikunu varji u jinvolvu xogħol fuq sistemi mekkaniċi, sistemi elettriċi u elettroniċi kif ukoll dawk ta' *idrawliċi* u *pnewmatiċi* tal-ajruplan.

Dawk li japplikaw għandu jkollhom:
- Diploma Nazzjonali *OTD/BTEC, ATD*/Ċertifikat *Full Technological* fl-Inġinerija Mekkanika jew simili.
- *Fellenberg* jew *HTD/HND* fl-Elettronika jew fl-Elettriku jew simili
- *BTEC*/Diploma *City & Guilds fl-Inġinerija tal-karozzi*
- *Liċenzja Kategorija A, Parti 66 tal-Manutenzjoni tal-Ajruplani*
- *'O' levels* fl-Ingliż u fil-Matematika. Dawk li m'għandhomx *"O" level* tal-Ingliż jista' jkollhom bżonn jagħmlu eżami intern.

Dawk li japplikaw iridu jkunu jafu jużaw il-kompjuter.

Din hija opportunità tajba għal dawk li jixtiequ karriera fl-industrija tal-avjazzjoni. Il-persuni magħżula għandhom ikunu lesti jattendu taħriġ kemm f'Malta kif ukoll barra fuq il-manutenzzjoni tal-ajruplani.

Applikazzjonijiet flimkien ma' CV għandhom jintbagħtu lil Human Resource Manager, Lufthansa Technik Malta, Ajruport Internazzjonali ta' Malta, PO Box 4, MIA, Malta jew b'mod elettroniku fuq: hr@ltm.com.mt mhux aktar tard mill-Ġimgħa, 23 ta' Ottubru 2009.

Inqisu kull applikazzjoni b'kunfidenzjalità kbira.